25 ta' Frar, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Eucaristico Zammit *versus* Eustrachio Petrococchino, C.B.E., ne.

**Danni — Klawsola ta' Eżoneru — Depożitu — Lokazzjoni d'Opera — Provi.**

*Huwa diffiċili li wieħed jenunċja prinċipju assolut ta' dritt dwar jekk il-klawsoli ta' eżoneru mir-responsabilità għad-danni għandhomx ikollhom l-effett li jeżoneraw lid-debitur minn dik ir-responsabilità; kollox jiddependi minn ċerti direttivi ta' fatt.*

*Wara li jkun sar il-ftehim bejn il-partijiet, li bis-saħħa tiegħu wieħed ikun assuma xi impenn speċifiku, ma hux leċitu għalih li, wara li jkun assuma dak l-impenn, jeżonera ruħu b'att unilaterali tiegħu, billi, wara dak il-ftehim, jibgħat jew jikkonsenja lill-parti l-oħra riċevuta jew dokument kontenenti l-klawsola ta' eżoneru stampata fih; u dan anki jekk l-irċevuta jew dokument ikun fihom anki stampata l-klawsola illi l-aċċettazzjoni ta' dik l-irċevuta jew dokument kellha titqies bħala aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet miktubin fiha, u l-kreditur li rċieva l-irċevuta jew dokument ma pprotestax kontra dik il-klawsola, u lanqas kien qraha.*

*Il-klawsola ta' l-eżoneru hija operativa favur id-debitur biss meta huwa jkun għamel dak li kellu jagħmel fil-mod li suppost li kellu jagħmlu. Meta d-depożitu jkun salarjat, imma r-rimunerazzjoni tkun ekwivalenti għas-servizz li għandu jiġi prestat mid-depożitarju, allura l-kuntratt, minn kuntratt unilaterali ta' depożitu, isir sinallagmatiku ta' lokazzjoni d'opera, fejn id-depożitarju jassumi li jagħmel ċerti serviġi bi ħlas. Liema distinzjoni hija importanti għar-regolament tar-responsabilità tad-depożitarju. Għax mentri r-responsabilità ta' sempliċi depożitarju hija regolata mill-liġi bħala każ ta' depożitu salarjat, fil-lokazzjoni d'opera l-lokatur ikun qiegħed joffri l-kapaċità tiegħu u jassumi mpenn li jeżegwixxi l-opra skond is-sengħa, u huwa tenut għal kull ma jsir mhux skond is-sengħa; u jekk fl-eżekuzzjoni ta' l-impenn minnu assunt huwa juri imperizja, huwa jaqa' f'kolpa li tirrendih responsabili għad-dannè li jidderivaw minn din l-imperizja.*

*Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċidi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġjonevoli.*

*Fil-każ preżenti, ġew applikati l-prinċipji hawn fuq imfissra għar-responsabilità għad-danni pretiża kontra ditta li kienet irċeviet kwantità ta' banana biex iżżommha fil-konġelatorju tagħha u tirritarda l-maturazzjoni tal-banana, li mbagħad tħassret; u anki għall-provasta' l-imsemmija responsabilità.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur ippremetta illi fis-7 ta' Jannar 1950 huwa daħħal għand il-konvenut nomine mitejn (200) għanqud banana ta' barra, biex dana jikkonservahielu, u għal dan id-depożitu ġie miftiehem kumpens; u illi l-istess banana, minħabba ineffiċjenza, traskuraġni, u/jew nuqqas tal-konvenut li tiegħu dana huwa responsabili, skond ma jirriżulta waqt s-smiegħ tal-kawża, swiedet u tħassret b'mod li ma għadhiex iżjed merkantibili, b'dannu kbir għall-instanti; talab li l-konvenut nomine jiġi (1) dikjarat responsabili tad-danni fuq riferiti lejn l-attur, u (2) kundannat li jħallas lill-attur, in linja ta' danni, dak l-ammont li jiġi likwidat, jekk ikun hemm bżonn b'opra ta' periti

nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-25 ta' Jannar 1950, kontra l-konvenut nomine, li għandu jiġi mħarrek biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fol. 6, li fiha dan qal li l-*kumpannija minnu rappreżentata ma hija responsibili ta' ebda danni, billi użat id-diliġenza ta' "bonus pater familias" dwar il-merkanzija msemmija fiċ-ċitazzjoni skond il-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Gunju 1951, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba u ġie dikjarat il-konvenut *nomine responsabili tad-danni* lejn l-attur għar-raġunijiet fuq indikati; u ġie ordnat li l-ispejjeż kollha nkorsi sa allura jitħallsu mill-konvenut nomine; u rriżervat li tipprovvedi fuq il-likwidazzjoni tad-danni fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 1951, li għaliha ġiet differita l-kawża; wara li kkunsidrat;

Illi fin-nota tiegħu ta' riljevi fol. 181 il-konvenut nomine ssolleva *kwistjoni importanti* li, stante l-indoli preġudizzjali tagħha, jixraq li tiġi affrontata l-ewwel. Infatti f'dik in-nota l-konvenut jirripudja r-responsabilità tiegħu in bażi għall-klawsola stampata fuq l-irċevuta. L-argument tiegħu in sostanza hu illi, anki kieku "ex hypothesi" wieħed kellu jgħid li l-banana tħassret minħabba t-temperatura mhux adatta f'li stores tiegħu, kull responsabilità hi, fi kwalunkwe każ, eskluża b'dik il-klawsola;

Hu fatt illi fuq l-irċevuta hemm, fost l-oħrajn, dan il-kliem :— "The Company will not be responsible for loss or damage due to deterioration, leakage, vermin, fire, explosion, failure of machinery or plant, maintaining too high or low a temperature in the chambers, strikes, lock-outs, civil commotion, delays, acts of God, the King's enemies, or circumstances over which the Company has no control";

Minbarra dan, fil-paragrafu ta' qabel hemm stampat dan: "Your acceptance of this note will be deemed an acknowledgement of your acceptance of the conditions set out below......";

Issa, ma hemmx dubju li, fil-konkors ta' ċerti ċirkustanzi, kliem simili jistgħu jorbtu lill-individwu li jirċievi d-dokument li fuqu jkun hemm miktubin dawn il-kliem. Każijiet simili rri-

korrew, milli jidher, kemm-il-darba fil-Qrati Ingliżi. Jgħidu l-awturi Wilshere and Robb, fil-ktieb tagħhom "The Law of Contracts and Torts", 1928 edition, paġ. 11 :— "Sometimes questions arise as to whether a person is bound by conditions on a ticket or some similar document which he has accepted. In such cases, *if the person receiving the ticket or document is aware that it contains conditions*, he is bound by them......";

Din il-kwistjoni tal-"clausole di esonero" ġiet kwalifikata mill-Professur Alberto Asquini, professur tad-Dritt Kummerċjali ta' Trieste, bħala "il problema che ha più affaticato dottrina e giurisprudenza". Probabilment hemm ċerta diversità fil-ġudikati esteri minħabba illi l-prinċipju regolatur jista' jiddependi ħafna mill-fattezzi tal-każ partikulari; u kien għalhekk li l-Imħallef Ingliż Mellish L.J., sedenti fil-Qorti ta' l-Appell Ingliża, fil-kawża "Parker vs. South Eastern Railway Company", 1877 (L.R. 2 C.P.D. 416 C.A.), qal li ma tantx kien possibili li wieħed jenunċja prinċipju assolut ta' dritt, imma kollox jiddependi minn ċerti direttivi ta' fatt, li hu mbagħad enunċja fis-sentenza;

Dik il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ, waslet għall-konklużjoni li dik il-klawsola ma għandhiex tkun atteża, għal dawn ir-raġunijiet li sejrin jissemmew; ċjoè :—

1. Il-konvenut, fix-xbieda tiegħu quddiem il-perit fol. 77 tergo, qal li hu staqsa lil Ercole Albanozzo (li kien qiegħed jittratta n-negozju) jekk huwa riedx li huma (id-ditta konvenuta) jistorjaw il-banana, jew isajruha, jew jirritardawha. Albanozzo qallu li huma (hu u l-interessati l-oħra fil-banana) riedu "jżommuha hemm kemm jistgħu", u kompla jgħidlu li kienet partita kbira u waslet malajr wisq fuq l-oħra. Il-konvenut allura nforma lil Albanozzo li skond il-ktieb (il-kelma użata mill-konvenut, anzi, hija "skond it-text") tista' tirritarda l-banana għal xi għaxart ijiem, u illi f'każ ta' bżonn tista' titfalha bramel ta' l-ilma u tirritardaha aktar; imma li din il-proċedura kienet perikoluża. Allura, kompla jgħid il-konvenut, hu ta lill-inġinier ordni biex jimmantjeni temperatura ta' 40 grad Fahrenheit. Biex tirritarda l-maturazzjoni—kompla jgħid dejjem l-istess konvenut—tirrikjedi temperatura bejn 34 u 38 grad, għaliex temperatura aktar baxxa hija perikoluża. Huwa żied

jgħid illi fil-kmamar ma hux possibili tinżamm temperatura kostanti, tvarja minn 2 sa 6 gradi, però l-varjazzjoni hi f'sens ta' għoli, għaliex il-makni ma jaħdmux il-ħin kollu, u meta jieqfu t-temperatura togħla. Del resto, dik kienet il-versjoni li ġiet mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-konvenut unita man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, fol. 6 tergo, fejn ingħad preċiżament hekk: "........... f'dik l-okkażjoni l-konvenut staqsa lil Albanozzo u Muscat jekk riedux jimmaturaw il-banana, u huma rrispondew li le, u li l-ħsieb tagħhom kien li jirritardaw il-maturazzjoni, billi dak il-mument ma kienx hemm suq tajjeb. Il-konvenut ta l-ordnijiet neċessarji lill-inġinier Scicluna għall-konservazzjoni tal-banana, skond kif kienet *ix-xewqa ta' l-attur...*" Jiżdied ukoll fid-dikjarazzjoni li l-konvenut żamm il-banana "skond l-arti". Dawn id-dikjarazzjonijiet tal-konvenut stess huma ċertament biżżejjed biex juru illi, kuntrarjament għal dak li l-konvenut donnu jrid isostni issa fin-nota ta' riljevi fol. 178, il-konvenut, f'dan in-negozju li sar, assuma l-impenn "li jirritarda, billi jimmantjeni t-temperatura *teknikament* adatta, il-maturazzjoni tal-banana" li kienet sejra tiġi depożitata għandu. Tant, s'intendi, jidher ċar ukoll mix-xhieda ta' l-attur fol. 65 u 65 tergo, u ta' Albanozzo fol. 68 u 68 tergo;

Issa, kienet tkun ekwipollenti għal sanzjoni ta' ħaġa "doluża", kieku kellu jiġi ammess li, wara li l-konvenut assuma dan l-impenn speċifiku, u wara *li l-kontroparti kienet qiegħda* tħallas kumpens għall-eżekuzzjoni tiegħu, il-konvenut, bil-fatt li, wara li sar definitivament dan in-negozju, bagħat l-irċevuta b'dawk il-kliem, seta' jeżonera ruħu appuntu minn dak l-istess impenn. Għalhekk il-Professur Asquini (Cod. Comm. comm. Bolaffio u Vivante, Vol. 6, p. 2, paġ. 364) jagħmel żewġ eċċezzjonijiet għall-validità tal-*klawsoli ta' eżoneru*, u waħda minnhom hi appuntu bażata fuq konsiderazzjoni applikabili għal każ bħal dan, ċjoè meta klawsoli simili "sarebbero in contradizione col contenuto stesso della obbligazione assunta". L-istess konklużjoni tinġibed mill-insenjamenti dottrinali ingliżi. Fis-sistema ġuridiku ingliż dawn l-"exemption clauses" iġibu għal dak li jissejjaħ "*contracting out of liability*";

Issa, ġie ritenut, ferm ġustament, illi l-klawsola ta' eżoneru tista' topera favur id-debitur biss "meta hu jkun għamel dak li kellu jagħmel fil-mod li suppost li kellu jagħmlu". Iċ-

Charlesworth, fit-trattat tiegħu "The Law of Negligence", 2nd. edition 1947. paġ. 615, jiċċita, in sostenn ta' dan il-prinċipju, il-kawża "Lilly vs. Doubleday" (1881) 7 Q.B.D. 510, li fiha jingħad illi "if you undertake to do a thing in a certain way..........., and have broken the contract by not doing the thing contracted for in the way contracted for........... you cannot rely on the conditions which were only intended to protect you if you carried out the contract in the way in which you had contracted to do it". Għalhekk, malgrado din il-klawsola ta' eżoneru fil-fattispeċje, għandu jiġi dejjem eżaminat fil-meritu jekk il-konvenut eżegwiex l-obligu tiegħu fil-mod li kellu jeżegwieh; għas-sempliċi raġun illi, jekk hu naqas minn dak l-obligu (per eżempju, jekk ma żammx it-temperatura tal-kamra kif kellha teknikament tinżamm), allura, skond dan il-prinċipju, li hu morali u raġjonevoli, l-'exemption clause' ma tipproteġiehx. Din hi l-ewwel raġuni;

2. Fix-xhieda tiegħu fol. 188 l-attur qal li l-irċevuta ġiet mogħtija lill-lavrant tiegħu xi ħamest ijiem, bejn wieħed u ieħor, wara li l-banana kienet imqiegħda fil-"cold stores". Mela din l-irċevuta ntbagħtet wara li l-kondizzjonijiet tan-negozju kienu ġew konkjużi; u ma għandux ikun leċitu lil wieħed mill-kontraenti, b'att tiegħu unilaterali, wara l-konklużjoni tal-kuntratt, li jbiddel it-termini tiegħu għad-detriment ta' l-ieħor, bil-klawsola kontenuta f'sempliċi riċevuta, li f'din il-materja ma hix lanqas kunsiderata bħala "a contractual element" (ara Charlesworth, p. 609, loc. ċit.);

3. Jista' jiġi obbjettat illi fl-irċevuta kien hemm ukoll il-kliem illi l-aċċettazzjoni ta' l-irċevuta kellha titqies bħala aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet miktubin fiha. Issa, l-attur xehed fol. 188, li meta hu ra dik il-karta, hu qara l-kwantità tal-banana miktuba bil-linka, u l-bqija ma qara xejn. Kompla jgħid li hu kien drabi oħra jiegħed affarijiet oħra fil-"cold stores", però l-irċevuti li tawh qabel ma kienux ta' dak il-kulur isfar tad-dokument fol. 184, u lanqas kellhom dak l-istampat żgħir. Issa, għalkemm f'diversi każijiet kunsidrati mill-ġurisprudenza hemm ukoll każijiet fejn bniedem jista' jitqies marbut b'kondizzjoni simili, avvolja ma jkunx qraha, jew anki ma jkunx jaf jaqra, dan però hu applikabili għall-każ meta l-Qorti tkun sodisfatta li min irċieva d-dokument bil-klawsola ta' l-eżoneru

"kien imissu jissopponi mix-xorta tad-dokument li dan ikun fih il-kondizzjonijiet tal-kuntratt". Fil-kawża ċitata l-Imħallef Mellish kien qal hekk :— "If a person driving through a turnpike gate received a ticket upon paying a toll, he might reasonably assume that the object of the ticket was that, by producing it, he might be free from paying a toll at some other turn-pike gate, and might put it in his pocket unread. On the other hand, if a person who ships goods to be carried on a voyage by sea receives a bill of lading signed by the master, he would plainly be bound by it, although afterwards, in an action against the shipowners for the loss of the goods, he might swear that he had never read the bill of lading, and that he did not know that it contained the terms of the contract of carriage and that the shipowner was protected by the exemptions contained in it. Now the reason why the person receiving the bill of lading would be bound seems to me to be that, in the great majority of cases, persons shipping goods do know that the bill of lading contains the terms of the contract of carriage, and the shipowners and the master delivering the bill of lading are entitled to assume that the person shipping the goods has that knowledge";

Issa, f'dan il-każ preżenti, l-attur ma kellux jissupponi illi fl-irċevuta kien hemm kondizzjonijiet ġodda ta' eżoneru; għaliex in-negozju kien diġà definitivament konkjuż, u kwindi wieħed ma kellux jissupponi, kontra l-"id quod plerumque accidit", illi wara n-negozju sejrin jiġu nfilzati fl-irċevuta kondizzjonijiet ġodda; għaliex ma kienx loġiku li wieħed jimmaġina li fl-irċevuta, mibgħuta wara l-konklużjoni tan-negozju, il-konvenut kien sejjer propriju jinnewtralizza l-impenn li kien ġà assuma u li kien qiegħed jitħallas tiegħu; u għaliex oriġinarjament riċevuta hija biss tali, u mhux dokument kontrattwali. Hekk, per eżempju, ġie deċiż illi wieħed li kien kera pultruna fuq spjaġġa, u waqgħet bih u korra, ma kienx tenut bil-kondizzjoni stampata fuq l-irċevuta, li kienu tawh meta ħallas, bil-kliem "the council will not be liable for any accident or damage arising out of the use of the chair"; fuq ir-raġuni illi "the ticket was only a receipt, and that nobody under the circumstances of the case would think for a moment that conditions were being imposed on him, or that the document he received

was a contractual document" (Chapelton vs. Barry, V.D.C. 1940/1, K.B., 532). Hekk ukoll, sempliċi "pass" ġiet ritenuta li ma kienetx "contractual document", u kwindi r-riċevent tal-"pass" ma kellux "reasonable notice of the condition" (Henson vs. L.N.E.R.—1946—1, All England Law Reports 653). Hekk ukoll f'każ ta' riċevuta għal "goods" (Herschtal vs. Steward & Arden Ltd. 1940, 1.K.B. 155). Għalhekk l-attur, li għar-raġunijiet ġà ndikati ma kellux jissupponi li fl-irċevuta kien hemm kondizzjonijiet ta' eżoneru, għandu jitqies li ma kellux "reasonable notice" tagħhom, u mhux suppost li rahom; u kwiħdi lanqas ma kellu ebda obligu jirripudjahom;

Għal dawn ir-raġunijiet dik il-Qorti kienet tal-fehma li dik il-klawsola ta' eżoneru ma hijiex operativa favur il-konvenut nomine;

Illi, sab ex wieħed jiddetermina sewwa l-kwistjoni tar-responsabilità, huwa indubbjament utili li jiġi determinat ta' liema xorta kien il-kuntratt li intervjena bejn il-kontendenti;

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuntratt ma kienx ta' sempliċi depożitu salarjat. Hemm dottrina, sostnuta minn ħafna awturi gravi, fosthom id-Duranton (Vol. XVIII, no. 20), Troplong (n. III), Duvergier (n. 409), Pascaud (Rev. Critique XII, 1883, p. 184), skond liema l-anqas rimunerazzjoni stipulata favur id-depożitarju tikkonverti l-kuntratt minn depożitu għal lokazzjon d'opera. Milli jidher, dawn l-awturi jinvokaw l-awtorità tal-Pothier; imma meta wieħed jeżamina sewwa l-ħsieb ta' dan l-awtur, isib li l-Pothier kien ta' din l-opinjoni kwantevolte r-rimunerazzjoni ma tkunx ħaġa żgħira li ma tikkorrispondix mas-servizz tad-depożitu; jekk tkun ħaġa żgħira, inferjuri għas-servizz, il-kuntratt jibqa' depożitu. Għalhekk hi aktar loġika t-teorija tal-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., Soc. Mut. Dep. pag. 632), tal-Pont (I, 377), u ta' l-Aubry et Rau (IV, 618), fissens illi, meta r-rimunerazzjoni tkun ekwivalenti tas-servizz prestat, allura minn kuntratt unilaterali ta' depożitu l-kuntratt isir dak sinallagmatiku ta' lokazzjoni ta' opra. U l-Baudry jeżemplifika opportunament dawn il-każijiet b'dawn il-kliem (p. 634) :— "Il contratto con il quale, mediante una rimunerazione, un commerciante od un industriale che esercita la sua professione custodisce alcuni oggetti, non è un

*deposito, ma una locazione di opera; mobili o tappeti affidati ad un tappezziere o ad un negoziante di mobili, pellicce affidate ad un pellicciaio*";

Issa, f'dan il-każ, mill-provi jirriżulta illi s-servizz ma kienx, kif jesprimi ruħu l-Pothier, "un servizio d'amico", imma operazzjoni kummerċjali b'kumpens proporzjonat bħala korrispettiv. Għalhekk il-kuntratt ma kienx sempliċi depożitu, imma lokazzjoni d'opera, li biha l-konvenut assuma li jirritarda l-maturazzjoni tal-banana hekk depożitata;

Il-konsegwenza hi importanti għall-każ. Bħala sempliċi depożitarju, ir-responsabilità kienet tkun dik regolata mill-liġi f'każ ta' depożitu salarjat. Imma meta si tratta ta' lokatur d'opera, li qiegħed joffri l-kapaċità tiegħu (jew tad-ditta tiegħu) teknika in materja, il-każ hu divers. Hu ċert li l-konvenut kien qiegħed joffri din il-kapaċità, kif jidher mill-kliem li hu qal lill-attur u lil Albanozzo meta sar il-ftehim, skond ix-xhieda tagħhom fol. 65 u 65 tergo u 68 u 68 tergo, u kif jidher ukoll mill-fatt li dwaru xehed Albanozzo fol. 69. Dan ix-xhud igħid li kien mar fiċ-"chamber" ma' wieħed Taljan negozjant tal-frott. Dan, malli ra l-banana, qallu li l-frott kien perdita totali, għaliex kien ġie iffriżjat, il-maturazzjoni kienet inżammet għal kollox, u li 'l quddiem il-banana toħorġilha l-moffa (kif fil-fatt ġara), u ma ssirx. Meta Albanozzo in segwitu rriferixxa dan lill-konvenut, il-konvenut staqsieh min kien dan it-Taljan "li jidhirlu li jaf ħafna"; mentri, kieku ma kienx assuma dak l-impenn tekniku, kien ikun naturali li hu jgħid lil Albanozzo li dwar dak li kien tekniku hu ma kellu x'jaqsam xejn, u li n-negozju kien sempliċi "storage" u xejn aktar, mentri r-risposta tiegħu ma kienetx hekk, u l-kliem "min hu dan it-Taljan li jaf ħafna", ifissru, rettament interpretati, illi l-kritika ta' dak it-Taljan tal-mezzi tekniċi adoperati mill-konvenut kienet infondata. Del resto, "ex admissis", il-konvenut kien hu li jagħti l-ordnijiet dwar it-temperatura (ara xhieda tiegħu fol. 78), u l-grad tat-temperatura hu appuntu l-fattur tekniku determinanti fil-proċess tar-ritardazzjoni tal-maturazzjoni tal-banana;

Issa, ġa ladarba l-konvenut, bħala lokatur d'opera, assuma l-impenn tekniku, tiġi l-konsegwenza l-oħra involuta

f'dawn il-prinċipji, li huma "jus receptum" in materja, ċjoè :—

1. Illi b'l-fatt biss li l-konvenut assuma l-impenn li jirritarda l-maturazzjoni ta' dan il-frott b'kumpens, il-konvenut *implicitament assikura li l-obligu jiġi eżegwit sewwa skond is-sengħa* (ara sent. "Carabott vs. Bugeja", App. Ċiv. Infer. 14 ta' Awissu 1922, sedenti l-kompjant Imħall.ef Luigi Camilleri, LL.D., fejn hemm ċitata l-awtorità tal-Vitalevi, Appalto di Opera e Lavori, no. 119) ;

2. Id-debitur f'dan il-każ hu għalhekk tenut għal kull ma jsir mhux skond is-sengħa, "*spondens tamquam artifex* tenetur de omni culpa artis". Minn żmienijiet antki l-"culpa" tista' tikkonsisti f'imperizja, skond it-test Ruman "imperitia culpae admuneratur", u t-test l-ieħor "si quis vitulos pascendos, vel sarciendum quid, poliendumve conduxit, culpam eum praestare debere, et quod imperitia peccavit culpam esse" (Lex. 9, para. 5, *D. locati*) ;

Illi t-tekniku adoperat mill-Qorti kkonkluda illi ċ-ċirkustanzi tal-każ jindikaw, bħala kawża probabili tad-deterjorament li rrenda l-banana perdita totali, il-fatt li l-banana ġiet esposta għal temperatura li ma kienetx adattata għall-kondizzjoni li fiha kienet tinsab il-banana (fol. 169). Fl-elaborazzjoni ta' din il-konklużjoni tiegħu, mogħtija mill-perit immsejjaħ mill-Qorti, fil-kawża l-oħra "Albanozzo vs. Petrococchino" fuq il-lista tal-lum, 100/1950, li għall-provi tagħha saret riferenza espressa (fol. 186), l-istess perit qal illi, apparti anki provi oħra, l-aspett tal-banana jikkonfermah fl-opinjoni minnu espressa li l-kawża probabili, anzi prinċipali, kienet it-temperatura li għaliha ġiet esposta l-banana. Qal li bil-kelma "probabili" hu ried ifisser li aktarx kien hekk inkellia le. Il-grad ta' probabilità ġie minnu indikat bħala dak ta' minn 65% sa 70%. Kompla jgħid illi hu ma jistax jesprimi kategorikament li seta' kien hemm xi kawża oħra minbarra t-temperatura baxxa li setgħet ikkontribwiet għall-ħsara, però aktarx li ma kienx hemm kawżi oħra, u ċert li l-kawża prinċipali kienet it-temperatura baxxa minħabba l-aspett tal-frott (fol. 41 tergo u 42 ta' din il-kawża l-oħra) ;

Għalhekk il-konklużjoni tal-perit hekk elaborata hija :—

1. Il-kawża probabili kienet it-temperatura baxxa ;

2. Ċert li t-temperatura *baxxa kienet il-kawża princi-paii;*
3. Aktarx li ma kienx hemm kawżi oħra li kkontribwew;
4. Il-konklużjoni tiegħu hi bażata mhux biss fuq il-provi testimonjali u dokumentati, imma anki fuq dak pożitiv, ċjoè l-aspett tal-banana;
5. Il-probabilità hija ta' minn 65% sa 70%;

Il-Qorti, wara li vvaljat iċ-ċirkustanzi kollha, hi tal-fehma illi l-provi huma biżżejjed biex jikkreaw fl-Imħallef sedenti dik il-"moral certainty" li għandu jfittex *kull tribunal*, fis-sens li kienet it-temperatura baxxa li ġiebet id-deterjorament tal-banana. Ir-raġunijiet tal-Qorti huma dawn:—

1. Ir-relazzjoni tal-perit hi studjata, minuzjuża, u kull konklużjoni korredata sewwa bi provi u konsiderazzjonijiet tekniċi. Hu veru li l-perit uża l-kelma "probabili". Issa, hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-prinċipju hekk enunċjat mill-Powell "On Evidence", p. 487:— "In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called "a moral certainty"; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and 'probably' arise from them.......... There is a difference in the degree of proof required in civil and criminal cases; for civil cases may be decided on a preponderance of "probability", but in criminal cases the guilt of the prisoner must be established beyond reasonable doubt". It-Taylor (Law of Evidence, Vol. I. page 2) igħid hekk:— "That high degree of evidence which is called demonstration excludes all possiblity of error, and mathematical truth alone is susceptible of it. Such evidence cannot be obtained in the investigation of matters of fact, of which the most that can be said is that there is no reasonable doubt concerning them. In trials of fact, therefore, the true question is not whether it is possible that the testimony may be false, but whether there is 'sufficient probability' of its truth.............." Fil-

*ktieb* "*Cockle's Cases and Statutes of the Law of Evidence*", paġ. 141, l-istess jingħad — illi "a civil claim may be proved by 'preponderance of evidence', whilst a criminal charge must be proved beyond all reasonable doubt";

Il-pont tal-Qorti hu għalhekk dan. Għalkemm il-perit uża l-kelma "probabili" (aktarx hekk milli le), jidher ċar illi l-konvinzjoni tiegħu tammonta għal "moral certainty", bażata fuq il-preponderanza tal-probabilità, tant li qal li hu "żgur" li t-temperatura baxxa kienet il-kawża "prinċipali", u li "aktarx ma kienx hemm kawżi oħra". *Kwindi l-konklużjoni tiegħu* għandha titqies bħala konklużjoni li, skond il-prinċipju fuq enunċjat, kienet tkun suffiċjenti f'ġudizzju ċivili bħal dan. Vwoldiri illi, kieku l-perit kellu jimxi fuq il-prinċipju fuq espost, hu kien jgħid li kien iħoss dik il-"moral certainty", li hi effett, kif ingħad, tal-"balance of probabilities";

2. Hu fatt li l-konvenut żamm il-banana taħt medja ta' temperatura li kienet baxxa. Dan il-fatt jirriżulta mill-provi tal-grad medju ta' temperatura li taħtha nżammet il-banana *konfrontata mal-grad medju li taħtu għandha tinżamm* il-banana skond id-diversi awturi ċitati mill-perit fil-relazzjoni tiegħu. Meta t-temperatura taqa' taħt dak il-grad medju rikjest minn dawk l-awturi, allura tivverifika ruħha dik li tissejjaħ "chilling injury". Għalhekk, jekk hu fatt, kif inhu, illi l-grad ta' temperatura kien baxx skond pariri awtorevoli tekniċi, u jekk hu fatt, kif inhu, li temperatura baxxa tipproduċi "chilling injury", hu ugwalment fatt inelluttabili illi l-ħsara ġiet kaġunata bit-temperatura baxxa taċ-"chamber";

3. Mhux biss, imma hemm f'dan il-każ l-argument qawwi tar-"res ipsa loquitur". Il-ħsara, li fil-fatt kellha l-banana in kwistjoni, kienet appuntu tax-xorta ta' dik li jkun hemm meta jkun il-każ ta' "chilling injury". L-awturi ċitati mill-perit jiddeskrivu kif tkun il-ħsara meta tkun dovuta għal "chilling" bħala konsegwenza ta' temperatura baxxa, u d-deskrizzjoni li jagħtu taqbel mal-ħsara li fil-fatt kellha dik il-banana. Hu wkoll fatt, kif jgħid il-perit fil-paragrafu 32, li ħsara dovuta għal kawża oħra, ex. gr. tul ta' żmien, tipproduċi *karatteristiċi differenti mill-ħsara li kellha din* il-banana. Issa, jekk il-banana kellha fil-fatt il-ħsara li hija magħrufa bħala dik derivanti minn "chilling" bħala konsegwenza

ta' temperatura baxxa, u jekk dik il-ħsara li kellha ma hijiex karatteristika ta' kawżali oħra bħat-tul ta' żmien, jiġi indiskutibilment li l-ħsara kienet dovuta għal "chilling", li hu, kif ingħad, konsegwenza ta' temperatura baxxa;

4. Hu eskluż illi l-ħsara setgħet ġiet kaġunata minn vizzju inerenti għall-istess banana. Difatti, il-perit igħid opportunament illi l-banana ta' l-istess partiti miżmuma f'lokal komuni, u mhux fil-"cooling chamber", ma wriet ebda kambjament u immaturat fiż-żmien tagħha;

5. Il-perit qal fix-xhieda tiegħu fil-kawża l-oħra fuq imsemmija (fol. 48 ta' dak il-proċess) illi ġeneralment il-banana hawn Malta ma tiġix f'dawk li jissejħu "banana steamers", li jkollhom mezzi biex jirritardaw il-maturazzjoni naturali talbanana waqt il-vjaġġ. Tiġi Malta bħala kariku normali. Però anki meta tiġi hekk, il-banana, b'temperatura adattata fil-"cooling chamber", tista' tinżamm tajba għal perijodu ta' għaxart ijiem. Del resto, il-konvenut, li wieħed għandu jissupponi, stante l-esperjenza tiegħu, jaf li l-banana tasal Malta mhux f'"banana steamers" appożiti, semma anki dan l-istess perijodu ta' għaxart ijiem fix-xhieda tiegħu fol. 77 tergo. Issa hu fatt li l-banana ġiet storjata fis-7 ta' Jannar 1950. Hu fatt ukoll, bażat fuq il-preponderanza tal-provi attendibili, illi l-ħsara wriet ruħha fl-14 ta' Jannar 1950................ Minn dan jiġi illi l-banana ma żammetx tajjeb għal għaxart ijiem, imma għal sebat ijiem minn mindu bdiet tinġarr, u ħamest ijiem minn mindu ddendlet fiċ-"chamber". Għalhekk il-kondizzjonijiet tal-vjaġġ, kuntrarjament għal dak li qal il-konvenut fin-nota tiegħu fol. 181, ma jwaqqgħux il-konklużjoni tal-perit; għax anki mingħajr ebda kura fuq il-vapur, anki jekk il-banana fuq il-vapur ġiet trattata bħala kariku normali, b'temperatura adatta kienet iżżomm tajba almenu għaxart ijiem, mentri ma żammetx tajba għal dan iż-żmien. U kwindi l-kawża kienet bilfors it-temperatura baxxa;

Fuq dawn ir-raġunijiet dik il-Qorti ħassitha persważa illi d-deterjorament u perdita totali tal-banana kienet kaġunata għal fatt addebitabili lill-konvenut, billi huwa espona l-banana għal temperatura li ma kienetx adatta;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi

revokata, billi jigi deċiż li huwa mhux responsabili tad-danni lejn l-attur, u hekk tigi rigettata l-ewwel domanda attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi tnejn huma l-aggravji miġjubin 'il quddiem mill-appellant nomine kontra s-sentenza appellata, jiġifieri illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet (1) li l-klawsola ta' l-eżoneru, li għaliha hemm riferenza fin-nota fil-fol. 181 tal-proċess, mhix operativa favur l-appellant nomine, u (2) li d-deterjorament u perdita totali tal-banana kienet kaġunata għall-fatt addebitabili għall-istess appellant nomine, billi huwa espona l-banana għal temperatura li ma kienetx adatta;

**Ikkunsidrat;**

Illi kwantu għall-ewwel aggravju, dan jinsab bażat fuq il-klawsoli kontenuti fl-irċevuta rilaxxjata lill-attur appellat, li konsimili tagħha tinsab eżibita fil-fol. 184 tal-proċess. Dawk il-klawsoli huma li l-kumpannija konvenuta mhix responsabili, fost affarijiet oħra, għall-ħsara dovuta "for maintaining too high or too low a temperature in the chambers", u l-aċċettazzjoni ta' dik l-irċevuta tittieħed bħala aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet li kienu jinsabu fiha. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-irċevuta ġiet konsenjata lil wieħed mill-impjegati ta' l-attur appellat ħamest ijiem wara li saret il-konsenja tal-banana fli store ta' l-appellant nomine;

**Ikkunsidrat;**

Illi għad-definizzjoni ta' l-imsemmija kwistjoni, sollevata fl-ewwel lok mill-appellant nomine, hemm bżonn li jiġi stabbilit kif ġraw il-fatti li taw lok għal din il-kawża, u liema oblighi ġew assunti mill-kontendenti rispettivament, biex tiġi stabbilita n-natura ġuridika tal-kuntrattazzjoni li saret bejniethom. Mill-provi li saru, kompriża x-xhieda ta' l-appellant, il-Qorti hija soddisfatta li l-istess appellant obliga ruħu li jżomm fli store tiegħu l-banana ta' l-appellat bl-iskop preċipwu li tiġi ritardata l-maturazzjoni tagħha billi tiġi mqiegħda f'temperatura teknikament adatta, u in vista ta' dan, l-appellat obliga ruħu li jħallas £70. Huwa veru li l-gratuwità mhix ħaġa essenzjali għall-figura ġuridika tad-depożitu, li għalhekk ma jbiddelx in-natura tiegħu u ma jsirx lokazzjoni

d'opera jekk ikun hemm ftehim ta' ħlas (Kollez. Vol. XVI, parte III, pag. 21); iżda fil-każ in eżami, meħudin in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi u l-iskop tan-negozju intervenut bejn il-kontendenti, il-pretensjoni ta' l-appellant li dak in-negozju kien ta' depożitu mhix aċċettabili; u din il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-ewwel istanza fil-konklużjoni li l-kuntratt kien ta' lokazzjoni d'opera, li bih l-appellant assuma l-obligu li jirrifarda l-maturazzjoni tal-banana depożitata fli store tiegħu b'kumpens ta' £70. Bħala konsegwenza ta' dak l-obligu minnu assunt, l-appellant kien tenut għall-eżekuzzjoni sewwa tiegħu, billi min jassumi obligi simili "implicite asserit se sufficienter peritum", u billi, jekk jeżegwieh ħażin, kien "in colpa", għax "imperitia culpae adnumeratur";

**Ikkunsidrat;**

Illi, stabbiliti l-kondizzjonijiet tan-negozju bejn il-kontendenti u n-natura ġuridika ta' l-istess negozju, il-Qorti tgħaddi biex teżamina l-pretensjoni ta' l-appellant nomine, li minħabba l-klawsola ta' l-eżoneru kontenuta fid-dokument fil-fol. 184 tal-proċess ma jistax jiġi ritenut responsabili għall-ħsara mill-istess appellat reklamata. Fuq dan il-pont jiġi rilevat li n-negozju bejn il-kontendenti ġie konkjuż u perfezzjonat fil-mument tal-konsenja tal-banana lill-appellant nomine, u għalhekk ma setax jiġi posterjorment imħassar jew mibdul jekk mhux bil-kunsens taż-żewġ kontraenti. Jingħad ukoll illi kieku kellha tiġi ritenuta operativa l-imsemmija klawsola ta' eżoneru fil-konfront ta' l-appellant nomine, ikun qiegħed jiġi ammess li huwa, b'att unilaterali tiegħu, seta' jerġa' lura mill-obligu minnu assunt, u dana b'vantaġġ tiegħu nnifsu u bi ħsara għall-kontraent l-ieħor — ħaġa din li evidentement mhix loġikament, u wisq anqas ġuridikament, ammissibili. Barra mir-raġunijiet fuq miġjuba, hemm lok ukoll li jiġu adottati dawk miġjubin mill-Ewwel Qorti għall-esklużjoni ta' l-imsemmija pretensjoni ta' l-appellant *nomine*. Fil-"Law Quarterly Review" tax-xahar li għadda (January, 1952, Vol. 68, fil-paġini 10 u 11) hemm riferenza għal tliet deċiżjonijiet li jikkomplu jsaħħu l-imsemmija konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti. Waħda tal-Qorti ta' l-Appell (Lee vs. Gray, deċiża fis-sena 1929), li biha ġie ritenut li "a person who is liable at law cannot escape liability by simply putting up a printed

notice or issuing a printed catalogue containing exempting conditions. He must show that the printed exempting condition has been regarded as part of a contractual document and *has been accepted as such by the party affected*". It-tnejn l-oħra huma ta' l-istess Qorti, waħda deċiża fl-1947 (Couchman vs. Hill, K.B. 554) u l-oħra fl-1951 (Harling vs. Eddy, 2 K.B. 739), u sostnew li "The express warranty must be regarded as having overridden the printed conditions";

**Ikkunsidrat;**

*Illi kwantu għat-tieni* aggravju m'ġjub 'il quddiem mill-appellant nomine, mill-kumpless tal-provi li ġew prodotti u mill-perizja ġudizzjali adoperata hemm biżżejjed biex il-Qorti tħossha moralment konvinta li d-danni reklamati bl-att taċ-ċitazzjoni, in konsegwenza tad-deterjorament u perdita totali tal-banana, ġew kaġunati mill-fatt li l-konvenut appellant espona dik il-banana għal temperatura li ma kienetx adatta. Dak il-fatt huwa għalhekk addebitabili għall-appellant, li konsegwentement hu tenut għar-riżarċiment tal-ħsara li dak il-fatt tiegħu kkaġuna. Ir-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata biex isostnu l-imsemmija konklużjoni huma adottati minn din il-Qorti;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Ġunju 1951; bl-ispejjeż kontra l-appellant konvenut nomine.